**14 ta' Lulju**

**Tifkira ta'**

S. KAMILLU DE LELLIS, SAĊERDOT

Twieled qrib Chieti fl-Abruzzi, fl-1550; kien suldat, u mbagħad ingħata għall-kura tal-morda. Studja u sar qassis, u waqqaf kongregazzjoni ta' reliġjużi biex jieħdu ħsieb jibnu sptarijiet u jduru bil-morda. Miet f'Ruma fl-1614.

Mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għal dawk li għamlu opri ta' ħniena...

Talba

O Alla, int żejjint bi grazzja liema bħalha lis-saċerdot San Kamillu de Lellis biex jaqdi bi mħabba kbira lill-morda; għall-merti tiegħu, sawwab fina l-Ispirtu ta' l-imħabba tiegħek, biex naqdu lilek f'ħutna l-bnedmin, ħa nkunu nistgħu nqawwu qalbna li minn din il-ħajja ngħaddu għal għandek. B'Ibnek.